2025/1353

20.11.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1353

tal-1 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2023/2534 dwar il-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku fir-rigward tal-informazzjoni dwar ir-riparabbiltà u li jiċċara xi aspetti tal-metodi tal-kejl u tal-kalkolu, l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott, id-dokumentazzjoni teknika u l-proċedura ta' verifika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2534 ([2]) jistabbilixxi rekwiżiti armonizzati għat-tikkettar tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, li jippermetti lill-klijenti jieħdu deċiżjonijiet infurmati waqt ix-xiri skont l-effiċjenza enerġetika u informazzjoni supplimentari dwar l-apparat. L-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament jispeċifika wkoll il-kontenut u l-format tal-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott u tad-dokumentazzjoni teknika, u jeżiġi li l-forniturijdaħħlu l-parametri rilevanti fir-Reġistru Ewropew tal-Prodotti għat-Tikkettar tal-Enerġija (EPREL).

(2) Hu importanti li jiġi indirizzat it-tnaqqis sinifikanti fil-ħajja tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku fl-aħħar 15-il sena, li wassal biex żdiedet ir-rata tal-produzzjoni biex tikkumpensa għall-ħajja iqsar. L-għoti tal-informazzjoni dwar ir-riparabbiltà tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ permezz ta' indiċi tar-riparabbiltà jista' jwassal għal bosta benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi billi jħeġġeġ lill-konsumaturi jagħżlu prodotti riparabbli aktar. L-indiċi tar-riparabbiltà jenħtieġ li jiġi kkalkolat abbażi ta' parametri li huma rilevanti għall-valutazzjoni tal-faċilità tat-tiswija ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku.

(3) Mill-1 ta' Jannar 2027 'il quddiem, jenħtieġ li kull magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku mqiegħda fis-suq tingħata b'tikketta u bi skeda tal-informazzjoni dwar il-prodott li jkun fiha informazzjoni dwar ir-riparabbiltà. Biex tkun żgurata l-introduzzjoni bla skossi tal-indiċi tar-riparabbiltà, il-forniturijistgħu jipprovdu tikketti bl-informazzjoni dwar ir-riparabbiltà qabel l-iskadenza obbligatorja tal-1 ta' Jannar 2027, minflok it-tikketti mingħajr l-informazzjoni dwar ir-riparabbiltà.

(4) Billi l-implimentazzjoni ta' indiċi tar-riparabbiltà ma tinvolvix riklassifikazzjoni tat-tikketta, jenħtieġ li wara l-1 ta' Jannar 2027 in-negozjanti jitħallew ibigħu, mingħajr limitazzjoni taż-żmien, il-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku mqiegħda fis-suq qabel dik id-data, b'tikketti mingħajr l-indiċi tar-riparabbiltà.

(5) Biex tittejjeb ir-riparabbiltà tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, jenħtieġ li jiġi inkluż element addizzjonali fir-rieżami previst fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2534, jiġifieri l-valutazzjoni tal-possibbiltà li jiġu inklużi l-pompi tas-sħana fost il-parts prijoritarji kkunsidrati meta jiġi kkalkolat l-indiċi tar-riparabbiltà.

(6) Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li jiżdiedu d-definizzjonijiet rilevanti rigward l-indiċi tar-riparabbiltà u l-kontenut medju tal-indewwa finali.

(7) Biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati dwar il-grad tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, jenħtieġ li l-klassi rilevanti tar-riparabbiltà tiġi inkluża fit-tikketti enerġetiċi għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku b'kondensatur jew mingħajr kondensatur, li jvarjaw minn A sa E, fejn l-ogħla klassi A tikkorrispondi għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku bl-aqwa punteġġi tar-riparabbiltà u l-aktar klassi baxxa E tikkorrispondi għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku bl-agħar indiċijiet tar-riparabbiltà.

([1]) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1369/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2534 tat-13 ta' Lulju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2012 (ĠU L, 2023/2534, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2534/oj).

(8) Fid-deskrizzjoni tat-tikketta pprovduta fl-Anness III, it-terminu "logo" jenħtieġ li jiġi sostitwit b'"pittogramma" ħalli jkun konsistenti ma' atti delegati oħrajn dwar it-tikkettar enerġetiku. Barra minn hekk, ir-referenza għall-Ekotikketta tal-UE jenħtieġ li titħassar mill-Anness III għax din m'għadhiex tingħata.

(9) Jenħtieġ li jiġi definit metodu tal-kalkolu tal-indiċi tar-riparabbiltà tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, biex tkun tista' tiġi assenjata klassi tar-riparabbiltà għal kull mudell tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku.

(10) Il-kalkolu tal-indiċi tar-riparabbiltà jenħtieġ li jsir b'formula bbażata fuq parametri speċifiċi tal-punteġġ li tqiesu rilevanti biex tiġi ddeterminata l-faċilità tat-tiswija għal kull mudell tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku. Dawk il-parametri tal-punteġġ huma l-fond taż-żarmar, it-tip ta' elementi tal-irbit, it-tip ta' għodod u l-informazzjoni dwar it-tiswija.

(11) Ħlief għall-informazzjoni dwar it-tiswija, li trid tiġi vvalutata fil-livell tal-prodott, it-tliet parametri tal-punteġġ l-oħra jenħtieġ li jiġu evalwati fil-livell tal-part tal-magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li tkun trid tinbidel. Għal din ir-raġuni, il-parts prijoritarji ntgħażlu u ġew inklużi fil-formula ta' kull parametru tal-punteġġ, b'medja ponderata li tirrifletti r-rilevanza ta' kull part prijoritarja f'termini ta' bejgħ u rati tal-falliment.

(12) Id-deskrizzjoni tal-passi taż-żarmar użati biex jiġi kkalkolat il-parametru tal-punteġġ tal-fond taż-żarmar jenħtieġ li tkun konsistenti mal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni li trid tingħata lis-sewwejja professjonali.

(13) Mill-informazzjoni li trid tingħata fid-dokumentazzjoni teknika tal-prodott jixraq jitneħħew id-dettalji tal-metodu tal-kalkolu tal-kontenut medju tal-indewwa finali tal-programm eko li oriġinarjament kienu ġew stabbiliti fl-Anness IV, il-punt 1(g) tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2534. Ġie nnotat li l-kisba ta' valur ta' 0 % fil-kontenut medju tal-indewwa finali spiss tkun akkumpanjata minn effetti sekondarji negattivi mhux mixtieqa, f'termini ta' ħsara lit-tessuti minħabba s-sħana kkaġunata bi tnixxif żejjed u konsum eċċessiv tal-enerġija, li jridu jiġu evitati. Minflok, jenħtieġ li jintużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu previsti fl-istandards armonizzati biex jiġi kkalkolat dan il-parametru, għax dawn jipprevedu tolleranzi xierqa.

(14) Biex ikun żgurat li l-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati u jitħeġġeġ il-konsum sostenibbli, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-indiċi tar-riparabbiltà u l-punteġġi parzjali għal kull wieħed mill-parametri tal-punteġġ ikunu parti mill-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott. Biex ikun evitat piż amministrattiv bla bżonn għall-fornituri, għad-definizzjoni ta' mudell ġdid jenħtieġ li jitqiesu rilevanti biss il-bidliet fil-punteġġ ġenerali tal-indiċi tar-riparabbiltà ta' prodott. Għall-kuntrarju, il-bidliet fil-kalkoli parzjali tal-parametri tal-punteġġ li ma jbiddlux l-indiċi tar-riparabbiltà ġenerali huma meqjusa mhux rilevanti.

(15) Biex tkun evitata l-konfużjoni għall-fornituri u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, jenħtieġ li jiġi ċċarat il-kontenut tad-dokumentazzjoni teknika, inkluż l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riparabbiltà

(16) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2023/2534 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet emendatorji

Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/2534 hu emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fornituri għandhom jiżguraw li:

(a) mill-1 ta' Marzu 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026:

(i) kull magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku tiġi fornuta b'tikketta stampata bil-format u bl-informazzjoni stabbilita fl-Anness III u, għal magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku b'aktar minn tanbur wieħed, f'konformità mal-Anness X;

(ii) il-valuri tal-parametri tal-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott, kif stabbiliti fl-Anness V, jiddaħħlu fil-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodotti;

(b) mill-1 ta' Lulju 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026:

(i) il-kontenut tal-dokumentazzjoni teknika stabbilit fl-Anness VI jiddaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti;

(ii) tikketta elettronika bil-format u bl-informazzjoni stabbilita fl-Anness III tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku;

(iii) skeda elettronika tal-informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilita fl-Anness V tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku;

(iv) meta tintalab speċifikament min-negozjant, l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilita fl-Anness V tkun disponibbli b'forma stampata;

(c) mill-1 ta' Jannar 2027 'il quddiem:

(i) kull magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku tiġi fornuta b'tikketta stampata bil-format u bl-informazzjoni stabbilita fl-Anness IIIa u, għal magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ b'aktar minn tanbur wieħed, f'konformità mal-Anness X;

(ii) il-valuri tal-parametri tal-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott, kif stabbiliti fl-Anness Va, jiddaħħlu fil-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodotti;

(iii) il-kontenut tad-dokumentazzjoni teknika stabbilita fl-Anness VIa, ħlief l-informazzjoni msemmija fil-punti 1(h) u 1(i) ta' dak l-Anness, jiddaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti;

(iv) tikketta elettronika bil-format u bl-informazzjoni stabbilita fl-Anness IIIa tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku;

(v) skeda elettronika tal-informazzjoni dwar il-prodott, kif stabbilita fl-Anness Va, tkun disponibbli għan-negozjanti għal kull mudell ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku;

(vi) meta tintalab speċifikament min-negozjant, l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott stabbilita fl-Anness Va tkun disponibbli b'forma stampata;

(d) mill-1 ta' Lulju 2025 'il quddiem:

(i) kull reklam viżiv dwar mudell speċifiku ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku jkun juri l-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta f'konformità mal-Annessi VII u VIII;

(ii) kull materjal promozzjonali tekniku dwar mudell speċifiku ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, inkluż il-materjal promozzjonali tekniku fuq l-Internet, li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tagħha, ikun juri l-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' dak il-mudell u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta, f'konformità mal-Anness VII.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. B'deroga mill-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), matul il-perjodu, minn-24 ta' Novembru 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026, il-forniturі jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) bil-mod stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (c).";

(2) fl-Artikolu 4, il-punt (a) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(a) kull magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, waqt il-bejgħ, inkluż fil-fieri kummerċjali, ikollha t-tikketta pprovduta mill-forniturі f'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punti (a)(i) jew (c)(i); u t-tikketta tintwera għall-apparati built-in b'tali mod li tkun tidher b'mod ċar, u għall-apparati l-oħra kollha b'tali mod li tkun tidher b'mod ċar fuq barra fuq quddiem jew fuq in-naħa ta' fuq tal-magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku;";

(3) L-Artikolu 7 hu emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku u tippreżenta r-riżultati ta' dak ir-rieżami inkluż, jekk xieraq, abbozz ta' proposta, lill-Forum dwar l-Ekodisinn sal-1 ta' Jannar 2030.

Ir-rieżami għandu jivvaluta b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

(a) il-potenzjal ta' titjib fir-rigward tal-konsum tal-enerġija u tal-prestazzjoni funzjonali u ambjentali tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku;

(b) l-effettività tal-miżuri eżistenti biex iħeġġu lill-utenti finali jixtru apparati li jkunu aktar effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi u jużaw programmi aktar effiċjenti fl-enerġija u fir-riżorsi;

(c) l-ambitu biex jiġu indirizzati l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari;

(d) l-adegwatezza li l-pompa tas-sħana tiġi inkluża fil-lista tal-parts prijoritarji għall-fini tal-kalkolu tal-indiċi tar-riparabbiltà.";

(b) jitħassar il-paragrafu 2;

(4) fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu hu sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2025 'il quddiem. Iżda l-Artikolu 9 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 'il quddiem u l-Artikolu 3(1) u (1a) għandu japplika kif stabbilit fih.";

(5) l-Annessi I, II u III huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(6) it-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness IIIa;

(7) l-Annessi IV u V huma emendati f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(8) it-test stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness Va;

(9) l-Anness VI hu emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(10) it-test stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness VIa;

(11) l-Annessi VII, VIII, IX u X huma emendati f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi I, II u III tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2534 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(27) 'kontenut medju tal-indewwa finali' tfisser il-medja tal-kontenut tal-indewwa finali għall-programm eko b'tagħbija sħiħa u b'nofs tagħbija;

(28) 'spare part' tfisser part separata li tista' tissostitwixxi part bl-istess funzjoni jew b'funzjoni simili f'magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku;

(29) 'part prijoritarja' tfisser spare part użata fil-kalkoli tal-indiċi tar-riparabbiltà stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Anness IV;

(30) 'bord taċ-ċirkwit stampat prinċipali' tfisser il-bord li jimmaniġġja direttament jew indirettament il-komponenti elettriċi u elettroniċi integrati fl-apparat;

(31) 'żarmar' tfisser proċess li bih prodott jiġi separat fil-parts u/jew fil-komponenti tiegħu b'tali mod li sussegwentement ikun jista' jerġa' jintrama u jsir operazzjonali;

(32) 'element tal-irbit' tfisser apparat tal-hardware jew sustanza li b'mod mekkaniku, manjetiku jew b'mezzi oħra torbot jew twaħħal żewġ oġġetti, parts jew biċċiet jew aktar, inkluż apparat tal-hardware li apparti dan iservi wkoll funzjoni elettrika;

(33) 'element tal-irbit riużabbli' tfisser element tal-irbit li jista' jerġa' jintuża kompletament fl-immuntar mill-ġdid bl-istess skop u li ma jagħmilx ħsara lill-prodott jew lill-element tal-irbit innifsu waqt il-proċess taż-żarmar jew tal-immuntar mill-ġdid b'mod li l-użu mill-ġdid multipli tagħhom isir impossibbli;

(34) 'element tal-irbit li jista' jitneħħa' tfisser element tal-irbit li mhux element tal-irbit riużabbli, iżda li t-tneħħija tiegħu ma tagħmilx ħsara lill-prodott, jew tħalli residwu, li ma jħallix l-immuntar mill-ġdid;

(35) 'element tal-irbit rifornut' tfisser element tal-irbit li jista' jitneħħa u li jiġi fornut mal-ispare part li lilha jkun maħsub biex jorbot jew iwaħħal; l-adeżivi għandhom jitqiesu bħala elementi tal-irbit rifornuti jekk jiġu fornuti mal-ispare part fi kwantità li tkun biżżejjed għall-immuntar mill-ġdid;

(36) 'pass' tfisser operazzjoni li tispiċċa bit-tneħħija ta' part (jew pakkett) jew b'bidla fl-għodda, inkluż kull tqegħid ta' part 'il bogħod mill-post inizjali tagħha, meta t-tneħħija tkun tinvolvi skonnessjoni parzjali jew qlugħ;

(37) 'għodda disponibbli kummerċjalment' tfisser għodda li hija disponibbli għax-xiri mill-pubbliku ġenerali, u la hija għodda bażika u lanqas għodda proprjetarja;

(38) 'għodda bażika' tfisser tornavit ċatt, tornavit stilla, tornavit torx, allen key, combination spanner, tnaljetta kkombinata, tnaljetta kkombinata għat-tqaxxir tal-wajers u l-konnessjoni terminali, tnaljetta nofs tond, cutters dijagonali, tnaljetta multigrip, locking pliers, liver, pinzetta, lenti, spudger u pick;

(39) 'għodda proprjetarja' tfisser għodda li mhix disponibbli għax-xiri mill-pubbliku ġenerali jew li għaliha m'hemm disponibbli l-ebda privattiva applikabbli għal liċenzja b'termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji;

(40) 'sewwej professjonali' tfisser operatur jew impriża li tipprovdi servizzi tat-tiswija u tal-manutenzjoni professjonali tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku.';

(2) fl-Anness II, tiżdied it-Taqsima 4 li ġejja:

"4. **KLASSI TAR-RIPARABBILTÀ**

Il-klassi tar-riparabbiltà ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-indiċi tar-riparabbiltà, kif stabbilit fit-Tabella 3a. L-indiċi tar-riparabbiltà għandu jiġi ddeterminat f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Anness IV.

Tabella 3a

Klassi tar-riparabbiltà

Klassi tar-riparabbiltà	Indiċi tar-riparabbiltà (R)
A (l-aktar riparabbli)	R > 9,00
B	7,00 ≤ R ≤ 9,00
C	5,00 ≤ R < 7,00
D	3,00 ≤ R < 5,00
E (l-inqas riparabbli)	R < 3,00";

(3) l-Anness III hu emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima A, il-punt 1.1 hu emendat kif ġej:

(i) il-punt V hu sostitwit b'dan li ġej:

"V il-klassi tal-effiċjenza enerġetika determinata f'konformità mal-Anness II";

(ii) il-punti VII u VIII huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"VII il-klassi tal-effiċjenza tal-kondensazzjoni determinata f'konformità mal-Anness II, bil-pittogramma rilevanti u bil-valur imqarreb sal-eqreb numru sħiħ u kkalkolat f'konformità mal-Anness IV;

VIII il-klassi tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja taċ-ċiklu tat-tnixxif tal-programm eko, bil-pittogramma rilevanti u bil-valur f'dB(A), iddeterminat f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Anness IV;";

(iii) il-punt 1.2 jitħassar;

(b) fit-Taqsima B, il-punt 1.1 hu emendat kif ġej:

(i) il-punt V hu sostitwit b'dan li ġej:

"V il-klassi tal-effiċjenza enerġetika determinata f'konformità mal-Anness II";

(ii) il-punt VII hu sostitwit b'dan li ġej:

"VII il-klassi tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja taċ-ċiklu tat-tnixxif tal-programm eko, bil-pittogramma rilevanti u bil-valur f'dB(A), iddeterminat f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Anness IV;";

(iii) il-punt 1.2 jitħassar.

ANNESS II


"ANNESS IIIa

TIKKETTA BL-INFORMAZZJONI DWAR IR-RIPARABBILTÀ

A. **Tikketta għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ b'kondensatur b'pittogramma tal-klassi tar-riparabbiltà**

1. TIKKETTA GĦALL-MAGNI TAT-TNIXXIF TAL-ĦWEJJEĠ B'KONDENSATUR B'PITTOGRAMMA TAL-KLASSI TAR-RIPARABBILTÀ

Illustrazzjoni 4a



It-tikketta għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

I Kodiċi QR;

II it-trademark;

III identifikatur tal-mudell;

IV l-iskala tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika minn A sa G;

V il-klassi tal-effiċjenza enerġetika ddeterminata f'konformità mal-Anness II;

VI il-konsum medju ponderat tal-enerġija għal kull 100 ċiklu tat-tnixxif f'kWh, imqarreb sal-eqreb numru sħiħ u kkalkolat f'konformità mal-Anness IV; fil-każ tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ li jaħdmu bil-gass, il-konsum medju ponderat tal-enerġija (gass u elettriku) għal kull 100 ċiklu tat-tnixxif f'kWh, imqarreb sal-eqreb numru sħiħ u kkalkolat f'konformità mal-Anness IV;

VII il-klassi tar-riparabbiltà ddeterminata f'konformità mal-Anness II u kkalkolata f'konformità mal-Anness IV;

VIII il-klassi tal-effiċjenza tal-kondensazzjoni ddeterminata f'konformità mal-Anness II, bil-pittogramma rilevanti u bil-valur imqarreb sal-eqreb numru sħiħ u kkalkolat f'konformità mal-Anness IV;

IX il-klassi tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja taċ-ċiklu tat-tnixxif tal-programm eko, bil-logo rilevanti u bil-valur f'dB(A), iddeterminata f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Anness IV;


X il-kapaċità nominali f'kg, għall-programm eko b'tagħbija sħiħa;

XI it-tul tal-programm eko b'tagħbija sħiħa f'siegħat u minuti [s:min], imqarreb sal-eqreb minuta;

XII in-numru ta' dan ir-Regolament, jiġifieri "2023/2534".

2. DISINN TAT-TIKKETTA GĦALL-MAGNI TAT-TNIXXIF TAL-ĦWEJJEĠ B'KONDENSATUR B'PITTOGRAMMA TAL-KLASSI TAR-RIPARABBILTÀ

Illustrazzjoni 4b



Fejn:

(a) it-tikketta għandha tkun imqar 96 mm wiesgħa u 192 mm għolja. Meta t-tikketta tiġi stampata b'format akbar, il-kontenut tagħha għandu xorta jibqa' proporzjonat għall-ispeċifikazzjonijiet fl-Illustrazzjoni 4b;

(b) l-isfond għandu jkun 100 % abjad;

(c) it-tipa għandha tkun Verdana;

(d) id-dimensjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-elementi fuq it-tikketta għandhom ikunu kif indikat fid-disinji tat-tikketta f'dan l-Anness;

(e) il-kuluri għandhom ikunu CMYK – cyan, maġenta, isfar u iswed, bħal f'dan l-eżempju: 0,70,100,0: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed;

(f) it-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għall-Illustrazzjoni 4b).

❶ il-kuluri tal-logo tal-UE għandhom ikunu kif ġej:

— l-isfond: 100,80,0,0;

— l-istilel: 0,0,100,0;

❷ il-kulur tal-logo tal-enerġija għandu jkun: 100,80,0,0;

❸ il-kodiċi QR għandu jkun 100 % iswed;

❹ it-trademark għandha tkun 100 % sewda bit-tipa Bold 9 pt;

❺ l-identifikatur tal-mudell għandu jkun 100 % iswed bit-tipa Regular 9 pt;

❻ l-iskala A sa G għandha tkun kif ġej:

(a) l-ittri fil-vleġeġ għandhom ikunu 100 % bojod bit-tipa Bold 16 pt u jiġu ċċentrati fuq assi li tkun 4,5 mm mill-ġenb xellugi tal-vleġeġ;

(b) il-kuluri tal-isfond tal-vleġeġ għandhom ikunu kif ġej:

(i) Il-Klassi A: 100,0,100,0;

(ii) Il-Klassi B: 70,0,100,0;

(iii) Il-Klassi C: 30,0,100,0;

(iv) Il-Klassi D: 0,0,100,0;

(v) Il-Klassi E: 0,30,100,0;

(vi) Il-Klassi F: 0,70,100,0;

(vii) Il-Klassi G: 0,100,100,0;

❼ il-linji diviżuri interni għandu jkollhom wisa' ta' 80 mm u ħxuna ta' 0,5 pt. Il-kulur tal-linji diviżuri għandu jkun 100 % iswed;

❽ il-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għandha tkun 100 % sewda. L-ittra fil-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għandha tkun 100 % bajda bit-tipa Bold 26 pt, u tiġi ċċentrata fir-rettangolu tal-vleġġa. Il-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-vleġġa korrispondenti fl-iskala A sa G għandhom jitqiegħdu b'mod li t-truf tagħhom ikunu allinjati;

❾ il-valur tal-konsum ponderat tal-enerġija għal kull 100 ċiklu tat-tnixxif għandu jkun bit-tipa Bold 28 pt; "kWh/" għandha tkun bit-tipa Regular 18 pt.; in-numru "100" fl-ikona li jirrappreżenta 100 ċiklu ta' tnixxif għandu jkun bit-tipa Regular 14 pt. It-test għandu jkun iċċentrat fil-kolonna u għandu jkun 100 % iswed;

❿ il-pittogrammi għandhom ikunu kif hemm fid-disinn tat-tikketta u kif ġej:

(a) il-linji tal-pittogrammi għandhom ikunu 1,2 pt, u huma u t-testi (numri u unitajiet) għandhom ikunu 100 % suwed;

(b) l-iskali A sa D tal-pittogramma tal-effiċjenza tal-kondensazzjoni u tal-pittogramma tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja għandhom ikunu allinjati fuq assi vertikali fuq in-naħa tax-xellug tal-ikona, bl-ittra tal-klassi applikabbli bit-tipa Bold 12 pt u l-ittri l-oħra tal-bqija tal-klassijiet bit-tipa Regular 8 pt;

(c) in-numru tal-pittogramma tal-effiċjenza tal-kondensazzjoni għandu jkun bit-tipa Bold 9 pt u l-unità bit-tipa Regular 9 pt, bin-numru u l-unità ħdejn xulxin u ċċentrati ġol-pittogramma;

(d) l-iskala A sa D tal-pittogramma tal-klassi tar-riparabbiltà għandha tkun allinjata fuq assi vertikali fuq ix-xellug tal-ikona, bl-ittra tal-klassi applikabbli tkun bit-tipa Bold 12 pt u l-ittri l-oħra tal-bqija tal-klassijiet bit-tipa Regular 8 pt;

(e) in-numru tal-pittogramma tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja għandu jkun bit-tipa Bold 12 pt u l-unità bit-tipa Regular 9 pt, bin-numru u l-unità ħdejn xulxin u ċċentrati ġol-pittogramma;

(f) in-numru tal-pittogramma tal-kapaċità nominali għandu jkun bit-tipa Bold 16 pt u l-unità bit-tipa Regular 12 pt, bin-numru u l-unità ħdejn xulxin u ċċentrati taħt il-pittogramma;


(g) in-numru tat-tul tal-pittogramma tal-programm eko għandu jkun bit-tipa Bold 16 pt u ċċentrat taħt il-pittogramma;

⓫ in-numru tar-Regolament għandu jkun 100 % iswed u bit-tipa Regular 6 pt.

"B. **Tikketta għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ mingħajr kondensatur b'pittogramma tal-klassi tar-riparabbiltà**

1. TIKKETTA GĦALL-MAGNI TAT-TNIXXIF TAL-ĦWEJJEĠ MINGĦAJR KONDENSATUR B'PITTOGRAMMA TAL-KLASSI TAR-RIPARABBILTÀ

Illustrazzjoni 4c



It-tikketta għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

I Kodiċi QR;

II it-trademark;

III identifikatur tal-mudell;

IV l-iskala tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika minn A sa G;

V il-klassi tal-effiċjenza enerġetika ddeterminata f'konformità mal-Anness II;

VI il-konsum medju ponderat tal-enerġija għal kull 100 ċiklu tat-tnixxif f'kWh, imqarreb sal-eqreb numru sħiħ u kkalkolat f'konformità mal-Anness IV; fil-każ tal-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ li jaħdmu bil-gass, il-konsum medju ponderat tal-enerġija (gass u elettriku) għal kull 100 ċiklu tat-tnixxif f'kWh, imqarreb sal-eqreb numru sħiħ u kkalkolat f'konformità mal-Anness IV;

VII il-klassi tar-riparabbiltà ddeterminata f'konformità mal-Anness II u kkalkolata f'konformità mal-Anness IV;

VIII il-klassi tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja taċ-ċiklu tat-tnixxif tal-programm eko, bil-logo rilevanti u bil-valur f'dB(A), iddeterminata f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Anness IV;


IX il-kapaċità nominali f'kg, għall-programm eko b'tagħbija sħiħa;

X it-tul tal-programm eko b'tagħbija sħiħa f'siegħat u minuti [s:min], imqarreb sal-eqreb minuta;

XI in-numru ta' dan ir-Regolament, jiġifieri "2023/2534".

2. DISINN TAT-TIKKETTA GĦALL-MAGNI TAT-TNIXXIF TAL-ĦWEJJEĠ MINGĦAJR KONDENSATUR B'PITTOGRAMMA TAL-KLASSI TAR-RIPARABBILTÀ

Illustrazzjoni 4d



Fejn:

(a) it-tikketta għandha tkun imqar 96 mm wiesgħa u 192 mm għolja. Meta t-tikketta tiġi stampata b'format akbar, il-kontenut tagħha xorta għandu jibqa' proporzjonat għall-ispeċifikazzjonijiet fl-Illustrazzjoni 4d;

(b) l-isfond għandu jkun 100 % abjad;

(c) it-tipa għandha tkun Verdana;

(d) id-dimensjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tal-elementi fuq it-tikketta għandhom ikunu kif indikat fid-disinji tat-tikketta f'dan l-Anness;

(e) il-kuluri għandhom ikunu CMYK — cyan, maġenta, isfar u iswed, bħal f'dan l-eżempju: 0,70,100,0: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed;

(f) it-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għall-Illustrazzjoni 4d).

❶ il-kuluri tal-logo tal-UE għandhom ikunu kif ġej:

— l-isfond: 100,80,0,0;

— l-istilel: 0,0,100,0;

❷ il-kulur tal-logo tal-enerġija għandu jkun: 100,80,0,0;

❸ il-kodiċi QR għandu jkun 100 % iswed;

❹ it-trademark għandha tkun 100 % sewda bit-tipa Bold 9 pt;

❺ l-identifikatur tal-mudell għandu jkun 100 % iswed bit-tipa Regular 9 pt;

❻ l-iskala A sa G għandha tkun kif ġej:

(a) l-ittri fil-vleġeġ għandhom ikunu 100 % bojod bit-tipa Bold 16 pt u jiġu ċċentrati fuq assi li tkun 4,5 mm mill-ġenb xellugi tal-vleġeġ;

(b) il-kuluri tal-isfond tal-vleġeġ għandhom ikunu kif ġej:

(i) Il-Klassi A: 100,0,100,0;

(ii) Il-Klassi B: 70,0,100,0;

(iii) Il-Klassi C: 30,0,100,0;

(iv) Il-Klassi D: 0,0,100,0;

(v) Il-Klassi E: 0,30,100,0;

(vi) Il-Klassi F: 0,70,100,0;

(vii) Il-Klassi G: 0,100,100,0;

❼ il-linji diviżuri interni għandu jkollhom wisa' ta' 80 mm u ħxuna ta' 0,5 pt. Il-kulur tal-linji diviżuri għandu jkun 100 % iswed;

❽ il-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għandha tkun 100 % sewda. L-ittra fil-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għandha tkun 100 % bajda bit-tipa Bold 26 pt, u tiġi ċċentrata fir-rettangolu tal-vleġġa. Il-vleġġa tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-vleġġa korrispondenti fl-iskala A sa G għandhom jitqiegħdu b'mod li t-truf tagħhom ikunu allinjati;

❾ il-valur tal-konsum ponderat tal-enerġija għal kull 100 ċiklu tat-tnixxif għandu jkun bit-tipa Bold 28 pt; "kWh/" għandha tkun bit-tipa Regular 18 pt.; in-numru "100" fl-ikona li jirrappreżenta 100 ċiklu ta' tnixxif għandu jkun bit-tipa Regular 14 pt. It-test għandu jkun iċċentrat fil-kolonna u għandu jkun 100 % iswed;

❿ il-pittogrammi għandhom ikunu kif hemm fid-disinn tat-tikketta u kif ġej:

(a) il-linji tal-pittogrammi għandhom ikunu 1,2 pt, u huma u t-testi (numri u unitajiet) għandhom ikunu 100 % suwed;

(b) l-iskala A sa D tal-pittogramma tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja għandha tkun allinjata fuq assi vertikali fuq ix-xellug tal-ikona, bl-ittra tal-klassi applikabbli tkun bit-tipa Bold 12 pt u l-ittri l-oħra tal-bqija tal-klassijiet bit-tipa Regular 8 pt;

(c) l-iskala A sa D tal-pittogramma tal-klassi tar-riparabbiltà għandha tkun allinjata fuq assi vertikali fuq ix-xellug tal-ikona, bl-ittra tal-klassi applikabbli tkun bit-tipa Bold 12 pt u l-ittri l-oħra tal-bqija tal-klassijiet bit-tipa Regular 8 pt;

(d) in-numru tal-pittogramma tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja għandu jkun bit-tipa Bold 12 pt u l-unità bit-tipa Regular 9 pt, bin-numru u l-unità ħdejn xulxin u ċċentrati ġol-pittogramma;

(e) in-numru tal-pittogramma tal-kapaċità nominali għandu jkun bit-tipa Bold 16 pt u l-unità bit-tipa Regular 12 pt, bin-numru u l-unità ħdejn xulxin u ċċentrati taħt il-pittogramma;

(f) in-numru tat-tul tal-pittogramma tal-programm eko għandu jkun bit-tipa Bold 16 pt u ċċentrat taħt il-pittogramma;

⓫ in-numru tar-Regolament għandu jkun 100 % iswed u bit-tipa Regular 6 pt.””

ANNESS III

L-Annessi IV u V tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2534 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness IV hu emendat kif ġej:

(a) it-tielet u r-raba' paragrafi huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"Il-programm eko kif identifikabbli fl-għażla tal-programm, fuq l-iskrin u bil-konnessjoni tan-network, skont il-funzjonalitajiet mogħtija mill-magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, u mingħajr modifika ulterjuri tal-konfigurazzjoni dwar il-kontenut tal-indewwa finali, għandu jintuża għall-kejl u l-kalkolu tal-EEI, għall-effiċjenza tal-kondensazzjoni, għat-tul tal-programm, u għall-emissjonijiet tal-istorbju akustiku fl-arja. Il-konsum tal-enerġija, l-effiċjenza tal-kondensazzjoni u t-tul tal-programm għandhom jitkejlu wkoll fl-istess ħin.

Il-kalkolu tal-konsum ponderat tal-enerġija, it-tul ponderat tal-programm u l-effiċjenza tal-kondensazzjoni għandhom isiru abbażi ta' tliet ċikli tat-tnixxif b'tagħbija sħiħa u erba' ċikli tat-tnixxif b'tagħbija parzjali.";

(b) fit-Taqsima 1, il-punt (g) jitħassar;

(c) tiżdied it-Taqsima 5 li ġejja:

"5. METODU GĦALL-KALKOLU TAL-INDIĊI TAR-RIPARABBILTÀ TAL-MAGNI TAT-TNIXXIF TAL-ĦWEJJEĠ GĦALL-UŻU DOMESTIKU

L-indiċi tar-riparabbiltà hu punteġġ aggregat u normalizzat, bħala valur ikkalkolat derivat minn erba' parametri tal-punteġġ fejn:

— S_{DD} hu l-punteġġ tal-"Fond taż-Żarmar";

— S_F hu l-punteġġ tat-"(tip ta') Elementi tal-Irbit";

— S_T hu l-punteġġ tat-"(tip ta') Għodod";

— S_{RI} hu l-punteġġ tal-"Informazzjoni dwar it-Tiswija".

L-Indiċi tar-Riparabbiltà (R) għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$R = 0,450 \times S_{DD} + 0,225 \times S_F + 0,225 \times S_T + 0,100 \times S_{RI}$$

u mqarreb lejn żewġ pożizzjonijiet deċimali.

Il-punteġġi tal-"Fond taż-Żarmar" (S_{DD}), tat-"(tip ta') Elementi tal-Irbit" (S_F) u tat-"(tip ta') Għodod" (S_T) huma bbażati fuq l-aggregazzjoni tal-punteġġi fil-livell tal-parts prijoritarji li ġejjin:

— *WP* hi l-pompa tal-ilma;

— *B* hu l-bering tat-tanbur;

— *DB* hu ċ-ċinturin tat-tanbur;

— *D* hi l-bieba;

— *M* hu l-mutur;

— *MB* hu l-bord taċ-ċirkwit stampat prinċipali;

— *F* hu l-fann;

— *MC* hu l-kapaċitatur tal-mutur.

Jekk xi waħda mill-parts prijoritarji elenkati hawn fuq tkun preżenti aktar minn darba fi prodott, għandha tiġi kkunsidrata biss dik li tagħti l-aktar punteġġ baxx fil-kalkolu tal-punteġġi tal-"Fond taż-Żarmar" (S_{DD}), tat-"(tip ta') Elementi tal-Irbit" (S_F) u tat-"(tip ta') Għodod" (S_T). Jekk part prijoritarja waħda jew aktar ma jkunux preżenti fil-prodott, dawk il-parts prijoritarji għandhom jitneħħew mill-formula tal-parametri tal-punteġġ fejn jidhru. Barra minn hekk, il-koeffiċjenti tal-parts prijoritarji li jifdal fil-formula ta' kull parametru tal-punteġġ għandhom jiġu diviżi bil-komplementari għal 1 tas-somma tal-koeffiċjenti li jikkorrespondu għall-parts prijoritarji mhux preżenti fil-prodott, biex is-somma tal-koeffiċjenti li jifdal tkun dejjem 1.

S_{DD}, S_F u S_T għandhom jiġu kkalkolati abbażi tad-deskrizzjoni tal-passi taż-żarmar, l-elementi tal-irbit u l-għodod meħtieġa għal kull part prijoritarja.

Il-valutazzjoni tal-indiċi tar-riparabbiltà, speċifikament S_{DD}, S_F u S_T għandha tibda fuq prodott li jkun:

— miżmum kif meħtieġ fil-manwal tal-utenti għall-użu ta' kuljum;

— immuntat kompletament;

— wieqaf, bil-pannelli tal-ġnub kollha u l-għatu tal-apparat ikunu aċċessibbli liberament;

— skonnettjat minn kwalunkwe provvista u rimi.

Wara l-valutazzjoni, il-prodott għandu jerġa' jiġi mmuntat kompletament.

5.1. Il-punteġġ tal-"Fond taż-Żarmar" (S_{DD}) għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$S_{DD} = DD_{WP} \times 0,14 + DD_B \times 0,09 + DD_{DB} \times 0,25 + DD_D \times 0,08 + DD_M \times 0,05 + DD_{MB} \times 0,28 + DD_F \times 0,05 + DD_{MC} \times 0,06$$

Valutazzjoni tal-Fond taż-Żarmar (DD) *fil-livell tal-part*

Il-punteġġ tal-Fond taż-Żarmar (DD_i) għal kull part prijoritarja (DD_{WP}, DD_B, DD_{DB}, DD_D, DD_M, DD_{MB}, DD_F, DD_{MC}) għandu jiġi stabbilit abbażi tan-numru ta' passi meħtieġa biex titneħħa l-part prijoritarja mill-prodott (*DD*) fir-rigward tan-numru medju tal-passi taż-żarmar (*MDS*) għal dik il-part prijoritarja mingħajr ma ssir ħsara lill-prodott. L-*MDS* għal kull part prijoritarja huwa kif ġej:

— pompa tal-ilma: 16,1 pass;

— bering tat-tanbur: 18,9 pass;

— ċinturin tat-tanbur: 40,9 pass;

— bieba: 3 passi;

— mutur: 49,4 pass;

— bord taċ-ċirkwit stampat prinċipali: 13,7 pass;

— fann: 7,7 passi;

— kapaċitatur tal-mutur: 24,9 pass.

Punti li jvarjaw minn 0 sa 10 huma assenjati lil DD_i għal kull part prijoritarja kif ġej:

— jekk $DD \leq 0,70 \times MDS$, $DD_i = 10$ pt;

— jekk $0,70 \times MDS < DD \leq 0,90 \times MDS$, $DD_i = 7$ pt;

— jekk $0,90 \times MDS < DD \leq 1,10 \times MDS$, $DD_i = 4$ pt;

— jekk $1,10 \times MDS < DD \leq 1,30 \times MDS$, $DD_i = 1$ pt;

— jekk $DD > 1,30 \times MDS$, $DD_i = 0$ pt.

Għall-kalkolu ta' *DD*, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

— l-għadd ta' passi għaż-żarmar ta' kull part prijoritarja jintemm meta l-part prijoritarja fil-mira tkun separata u aċċessibbli individwalment. Meta l-part prijoritarja fil-mira tkun parti minn assemblaġġ jew minn pakkett ta' parts, li timplika li qabelxejn irid jitneħħa l-assemblaġġ jew il-pakkett, il-proċess taż-żarmar ikun jintemm meta l-part prijoritarja fil-mira tkun separata u aċċessibbli individwalment;

— l-elementi tal-irbit ma jitqisux bħala part;

— jekk, wara ż-żarmar ta' part prijoritarja, iż-żarmar ta' part oħra jkun jeħtieġ parzjalment l-istess passi taż-żarmar, iż-żarmar ta' din il-part jista' jibda bl-ewwel pass li jkun differenti. Iżda *DD* għal dik il-part għandu jkun l-għadd totali ta' passi kkalkolati minn prodott immuntat kompletament;

— meta jkun hemm bżonn jintużaw diversi għodod fl-istess ħin, l-użu ta' kull għodda jgħodd bħala pass separat. Il-qbid bl-idejn ta' għodda, it-tluq ta' għodda mill-idejn, u t-tneħħija ta' element tal-irbit ma jitqisux bħala t-tmiem ta' pass. L-idejn m'għandhomx jitqiesu bħala għodda;

— l-operazzjonijiet relatati mat-tindif, mat-tneħħija tat-traċċi jew mat-tiħin jingħaddu bħala passi;

— *DD* għandu jiġi kkalkolat abbażi tad-deskrizzjoni tal-passi taż-żarmar għal kull part prijoritarja mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika;

— meta tkun meħtieġa notifika jew awtorizzazzjoni mill-bogħod tan-numri tas-serje għall-funzjonalità sħiħa tal-part prijoritarja, *DDi* għandu jkun żero.

5.2. Il-punteġġ tat-tip ta' Elementi tal-Irbit (S_F) jiġi kkalkolat kif ġej:

$$S_F = F_{WP} \times 0,\ 14 + F_B \times 0,09 + F_{DB} \times 0,25 + F_D \times 0,08 + F_M \times 0,05 + F_{MB} \times 0,28 + F_F \times 0,05 + F_{MC} \times 0,06$$

Valutazzjoni tat-(tip ta') Elementi tal-Irbit (F) *fil-livell tal-part*

Il-punteġġi tat-"(tip ta') Elementi tal-Irbit" (F_i) għal kull part prijoritarja (F_{WP}, F_B, F_{DB}, F_D, F_M, F_{MB}, F_F, F_{MC}) jiġu assenjati skont il-livell tal-possibbiltà ta' tneħħija u tar-riużabbiltà tal-elementi tal-irbit użati fl-immuntar tal-apparat. Il-punti li jvarjaw minn 0 sa 10 huma assenjati lil F_i għal kull part prijoritarja kif ġej:

— elementi tal-irbit riużabbli, F_i = 10 pt;

— elementi tal-irbit rifornuti mingħajr kost, F_i = 7 pt;

— elementi tal-irbit rifornuti b'kostijiet addizzjonali, F_i = 4 pt;

— elementi tal-irbit li jistgħu jitneħħew, F_i = 0 pt.

L-identifikazzjoni tat-tip ta' elementi tal-irbit hi bbażata fuq id-deskrizzjoni ta' kull tip ta' element tal-irbit għall-proċess taż-żarmar biex titneħħa l-part prijoritarja speċifika mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika.

Jekk jinstabu tipi differenti ta' elementi tal-irbit fiż-żarmar ta' part prijoritarja, għandu jiġi kkunsidrat l-inqas punteġġ.

5.3. Il-punteġġ tat-tip ta' Għodod (S_T) għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$S_T = T_{WP} \times 0,\ 14 + T_B \times 0,09 + T_{DB} \times 0,25 + T_D \times 0,08 + T_M \times 0,05 + T_{MB} \times 0,28 + T_F \times 0,05 + T_{MC} \times 0,06$$

Valutazzjoni tat-tip ta' Għodod (T) *fil-livell tal-partijiet*

Il-punteġġi tat-tip ta' Għodod (T_i) għal kull part prijoritarja *i* (T_{WP}, T_B, T_{DB}, T_D, T_M, T_{MB}, T_F, T_{MC}) jiġu assenjati skont il-kumplessità u d-disponibbiltà tal-għodod meħtieġa għas-sostituzzjoni tagħha. Il-punti li jvarjaw minn 0 sa 10 jiġu assenjati lil T_i għal kull part prijoritarja kif ġej:

— sostituzzjoni possibbli b'għodod bażiċi jew mingħajr għodda, T_i = 10 pt;

— sostituzzjoni possibbli b'għodod fornuti mal-ispare part, T_i = 5 pt;

— sostituzzjoni possibbli b'għodod disponibbli kummerċjalment, T_i = 0 pt.

Il-valutazzjoni tat-tip ta' għodod hi bbażata fuq il-proċess taż-żarmar biex titneħħa l-part prijoritarja speċifika mogħtija fid-dokumentazzjoni teknika.

Meta jkunu meħtieġa tipi differenti ta' għodod għaż-żarmar ta' part prijoritarja, għandu jiġi kkunsidrat l-inqas punteġġ.

5.4. Valutazzjoni tal-Informazzjoni dwar it-Tiswija (*RI*) fil-livell tal-prodott

Il-punteġġ tal-Informazzjoni dwar it-Tiswija (S_{RI}) għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni fl-Anness II, il-punt 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2023/2533 għandu jiġi kkalkolat fil-livell tal-prodott kif ġej:

— id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar it-tiswija mingħajr kost għas-sewwejja professjonali, S_{RI} = 10 pt;

— id-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar it-tiswija b'tariffa raġonevoli u proporzjonata għas-sewwejja professjonali, S_{RI} = 0 pt.

Tariffa għandha titqies raġonevoli jekk ma tkunx tiskoraġġixxi l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija billi tonqos milli tqis sa liema punt is-sewwej professjonali juża l-informazzjoni.";

(2) l-Anness V hu emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu hu sostitwit b'dan li ġej:

"Skont l-Artikolu 3(1), il-punt (a)(ii), sal-31 ta' Diċembru 2026, il-fornitur għandu jdaħħal l-informazzjoni fil-bażi tad-data tal-prodotti kif stabbilit fit-Tabella 4. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 3(1a), il-forniturijistgħu jdaħħlu l-informazzjoni meħtieġa fit-Tabella 4a tal-Anness Va fil-bażi tad-data tal-prodotti minn-24 ta' Novembru 2025 flok l-informazzjoni meħtieġa fit-Tabella 4.";

(b) It-Tabella 4 hi sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella 4

Kontenut, ordni u format tal-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott

Trademark: [a], [c]

Identifikatur tal-mudell: [a]

Teknoloġija tal-magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ	[ventilazzjoni tal-arja bl-elettriku, kondensatur b'pompa tas-sħana elettrika, kondensatur konvenzjonali tal-elettriku, taħdem bil-gass]

Parametri ġenerali tal-prodott:

Parametru	Valur		Parametru	Valur	
Kapaċità nominali [b] (kg)	x,x		Dimensjonijiet [a], [c] (cm)	Għoli	x
				Wisa'	x
				Fond	x
Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEI) [b]	x,x		Klassi tal-effiċjenza enerġetika [b]	[A/B/C/D/E/F/G] [d]	
Effiċjenza tal-kondensazzjoni (%) [b] (jekk applikabbli)	xx		Klassi tal-effiċjenza tal-kondensazzjoni (jekk applikabbli) [b]	[A/B/C/D] [d]	
Il-konsum ponderat tal-enerġija f'kWh għal kull ċiklu tat-tnixxif. [h] Il-konsum reali tal-enerġija jiddependi fuq kif jintuża l-apparat.	x,xx				
Tul tal-programm [b] (sigħat:minuti)	Kapaċità nominali	x:xx	Tip	[built-in/awtonomu]	
	Nofs	x:xx			
Emissjoni tal-istorbju akustiku fl-ajru [b] (dB(A) rigward 1 pW)	x		Klassi tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja [b]	[A/B/C/D] [d]	
Modalità mitfi (jekk applikabbli) (W)	x,xx		Modalità standby (jekk applikabbli) (W)	x,xx	
Bidu differit (W) (jekk applikabbli)	x,xx		Standby man-network (W) (jekk applikabbli)	x,xx	
Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jkunu attrezzati b'pompa tas-sħana, l-isem kimiku jew id-denominazzjoni aċċettata tal-industrija tal-gass refriġerant użat, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 517/2014 dwar il-gassijiet serra fluworurati [1] [a], [c]					
Link għal sit web bl-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-ispare parts għas-sewwejja professjonali u l-utenti finali [a], [c], [e]				https://xxx	

Link għal sit web bl-istruzzjonijiet tat-tiswija għall-utenti finali ([a]), ([c]), ([f])	https://xxx
Link għal sit web bi prezzijiet indikattivi ta' qabel it-taxxa ([a]), ([c]), ([g])	https://xxx
Tul minimu tal-garanzija kummerċjali offruta mill-fornitur ([a]), ([c]) (xhur)	
Informazzjoni addizzjonali ([c])	
Link għas-sit web tal-fornitur, fejn tinsab l-informazzjoni msemmija fl-Anness II, il-punt 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2533 ([2]) ([c])	

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/517/oj).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2533 tas-17 ta' Novembru 2023 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/826, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 932/2012 (ĠU L, 2023/2533, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2533/oj).

([a]) Din l-entrata m'għandhiex titqies rilevanti għall-fini tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament (UE) 2017/1369.

([b]) Għall-programm eko.

([c]) Bidliet f'dawn l-entrati m'għandhomx jitqiesu rilevanti għall-fini tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2017/1369.

([d]) Jekk il-bażi tad-data tal-prodotti tiġġenera awtomatikament il-kontenut definittiv ta' dik iċ-ċellola, il-fornitur m'għandux idaħħal din id-data.

([e]) L-obbligu tal-forniturihu li jinkludu l-link għal sit web fejn ikun hemm l-informazzjoni rilevanti. Iżda l-aċċess effettiv għas-sit web għandu jingħata f'konformità mal-iskeda taż-żmien u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness II, il-punt 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2023/2533.

([f]) L-obbligu tal-forniturihu li jinkludu l-link għal sit web fejn ikun hemm l-informazzjoni rilevanti. Madankollu, l-aċċess effettiv għas-sit web għandu jingħata f'konformità mal-iskeda taż-żmien u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness II, il-punt 5(1)(d) tar-Regolament (UE) 2023/2533.

([g]) L-obbligu tal-forniturihu li jinkludu l-link għas-sit web fejn ikun hemm l-informazzjoni rilevanti. Madankollu, l-aċċess effettiv għas-sit web għandu jingħata f'konformità mal-iskeda taż-żmien u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness II, il-punt 5(1)(f) tar-Regolament (UE) 2023/2533.

([h]) Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ li jaħdmu bil-gass, ikkalkolat bħala l-konsum medju ponderat tal-enerġija għal kull 100 ċiklu ta' tnixxif f'konformità mat-Taqsima 1, il-punt (f) ta' dan ir-Regolament, diviż b'100."

ANNESS IV

"*ANNESS Va*

SKEDA TAL-INFORMAZZJONI DWAR IL-PRODOTT B'INFORMAZZJONI DWAR IR-RIPARABBILTÀ

Skont l-Artikolu 3(1), il-punt (c)(ii), mill-1 ta' Jannar 2027 'il quddiem, il-fornitur għandu jdaħħal l-informazzjoni kif stabbilita fit-Tabella 4a fil-bażi tad-data tal-prodotti. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 3(1a) ta' dan ir-Regolament, il-forniturijistgħu jdaħħlu l-informazzjoni meħtieġa fit-Tabella 4a fil-bażi tad-data tal-prodotti minn-24 ta' Novembru 2025 flok l-informazzjoni meħtieġa fit-Tabella 4 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Il-manwal tal-utent jew kitbiet oħra mogħtija mal-prodott għandhom jindikaw il-link URL għall-mudell fil-bażi tad-data tal-prodotti li jista' jaqrah il-bniedem jew bħala kodiċi QR jew billi jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni tal-prodott.

Tabella 4a

Kontenut, ordni u format tal-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott

Trademark: [a], [c]

Identifikatur tal-mudell: [a]

Teknoloġija tal-magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ	[ventilazzjoni tal-arja bl-elettriku, kondensatur b'pompa tas-sħana elettrika, kondensatur konvenzjonali tal-elettriku, taħdem bil-gass]

Parametri ġenerali tal-prodott:

Parametru	Valur		Parametru	Valur	
Kapaċità nominali [b] (kg)	x,x		Dimensjonijiet [a], [c] (cm)	Għoli	x
				Wisa'	x
				Fond	x
Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEI) [b]	x,x		Klassi tal-effiċjenza enerġetika [b]	[A/B/C/D/E/F/G] [d]	
Effiċjenza tal-kondensazzjoni (%) [b] (jekk applikabbli)	xx		Klassi tal-effiċjenza tal-kondensazzjoni (jekk applikabbli) [b]	[A/B/C/D] [d]	
Il-konsum ponderat tal-enerġija f'kWh għal kull ċiklu tat-tnixxif. [h] Il-konsum reali tal-enerġija jiddependi fuq kif jintuża l-apparat.	x,xx				
Tul tal-programm [b] (sigħat:minuti)	Kapaċità nominali	x:xx	Tip	[built-in/awtonomu]	
	Nofs	x:xx			
Emissjoni tal-istorbju akustiku fl-ajru [b] (dB(A) rigward 1 pW)	x		Klassi tal-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja [b]	[A/B/C/D] [d]	
Modalità mitfi (jekk applikabbli) (W)	x,xx		Modalità standby (jekk applikabbli) (W)	x,xx	

Bidu differit (W) (jekk applikabbli)	x,xx	Standby man-network (W) (jekk applikabbli)	x,xx
Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jkunu attrezzati b'pompa tas-sħana, l-isem kimiku jew id-denominazzjoni aċċettata tal-industrija tal-gass refriġerant użat, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 517/2014 dwar il-gassijiet serra fluworurati. ([1]) ([a]), ([c])			
Informazzjoni dwar ir-riparabbiltà:			
Klassi tar-Riparabbiltà (abbażi tal-indiċi ta' hawn taħt)			[A/B/C/D/E] ([d])
Indiċi tar-Riparabbiltà ([a])			x,xx
Punteġġ tal-Fond taż-Żarmar (S_{DD}) ([a]), ([c])			x,xx
Punteġġ tat-tipi ta' Elementi tal-Irbit (S_F) ([a]), ([c])			x,xx
Punteġġ tat-tipi ta' Għodod (S_T) ([a]), ([c])			x,xx
Punteġġ tal-informazzjoni dwar it-tiswija (S_{RI}) ([a]) ([c])			x,xx
Link għal sit web bl-informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-ispare parts għas-sewwejja professjonali u l-utenti finali ([a]), ([c]), ([e])			https://xxx
Link għal sit web bl-istruzzjonijiet tat-tiswija għall-utenti finali ([a]), ([c]), ([f])			https://xxx
Link għal sit web bi prezzijiet indikattivi ta' qabel it-taxxa ([a]), ([c]), ([g])			https://xxx
Tul minimu tal-garanzija kummerċjali offruta mill-fornitur ([a]), ([c]) (xhur)			
Informazzjoni addizzjonali ([e])			
Link għas-sit web tal-fornitur, fejn tinsab l-informazzjoni msemmija fl-Anness II, il-punt 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2533 ([e]) ([2])			

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/517/oj).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2533 tas-17 ta' Novembru 2023 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/826, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 932/2012 (ĠU L, 2023/2533, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2533/oj).

([a]) Din l-entrata m'għandhiex titqies rilevanti għall-fini tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament (UE) 2017/1369.

([b]) Għall-programm eko.

([c]) Bidliet f'dawn l-entrati m'għandhomx jitqiesu rilevanti għall-fini tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2017/1369.

([d]) Jekk il-bażi tad-data tal-prodotti tiġġenera awtomatikament il-kontenut definittiv ta' dik iċ-ċellola, il-fornitur m'għandux idaħħal din id-data.

([e]) L-obbligu tal-forniturihu li jinkludu l-link għal sit web fejn ikun hemm l-informazzjoni rilevanti. Iżda l-aċċess effettiv għas-sit web għandu jingħata f'konformità mal-iskeda taż-żmien u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness II, il-punt 5(1)(b) tar-Regolament (UE) 2023/2533.

([f]) L-obbligu tal-forniturihu li jinkludu l-link għal sit web fejn ikun hemm l-informazzjoni rilevanti. Madankollu, l-aċċess effettiv għas-sit web għandu jingħata f'konformità mal-iskeda taż-żmien u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness II, il-punt 5(1)(d) tar-Regolament (UE) 2023/2533.

([g]) L-obbligu tal-forniturihu li jinkludu l-link għas-sit web fejn ikun hemm l-informazzjoni rilevanti. Madankollu, l-aċċess effettiv għas-sit web għandu jingħata f'konformità mal-iskeda taż-żmien u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness II, il-punt 5(1)(f) tar-Regolament (UE) 2023/2533.

([h]) Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ li jaħdmu bil-gass, ikkalkolat bħala l-konsum medju ponderat tal-enerġija għal kull 100 ċiklu ta' tnixxif f'konformità mat-Taqsima 1, il-punt (f) ta' dan ir-Regolament, diviż b'100."

ANNESS V

L-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2534 hu emendat kif ġej:

(1) il-punt 1 hu emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-kliem introduttorju hu sostitwit b'dan li ġej:
"Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jaħdmu bl-elettriku, id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (b)(i), għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:";

(b) il-punt (g) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(g) il-valuri tal-parametri tekniċi stabbiliti fit-Tabella 5 għall-programm eko, li jitqiesu bħala l-valuri ddikjarati għall-fini tal-proċedura ta' verifika stabbilita fl-Anness IX.";

(2) fit-Tabella 5, l-intestatura hi sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella 5

Parametri tekniċi ddikjarati għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jaħdmu bl-elettriku";

(3) fil-punt 2, l-ewwel subparagrafu hu sostitwit b'dan li ġej:
"Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ li jaħdmu bil-gass, id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (b)(i), għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 (a) sa (f) ta' dan l-Anness, u l-informazzjoni stabbilita fit-Tabella 6 għall-programm eko. Il-valuri fit-Tabella 6 jitqiesu bħala l-valuri ddikjarati għall-fini tal-proċedura ta' verifika fl-Anness IX.".

(4) It-Tabella 6 hi emendata kif ġej:

(a) l-intestatura hi sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella 6

Parametri tekniċi ddikjarati għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jaħdmu bil-gass";

(b) ir-raba' ringiela dwar il-konsum tal-gass tal-programm eko b'tagħbija parzjali hi sostitwita b'din li ġejja:

"Il-konsum tal-gass tal-programm eko b'tagħbija parzjali ($E_{gdry,½}$)	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX";

(c) l-10, il-11 u t-12-il ringiela dwar it-tul tal-programm, għall-programm eko, huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"Tul tal-programm għall-programm eco b'tagħbija sħiħa (T_{dry})	s:min	X:XX
Tul tal-programm għall-programm eko b'tagħbija parzjali ($T_{dry½}$)	s:min	X:XX
Tul ponderat tal-programm għall-programm eko (T_t)	s:min	X:XX";

(5) il-punt 3 hu sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika għal magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ partikolari għall-użu domestiku tkun inkisbet:

(a) minn mudell bl-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għall-informazzjoni teknika li trid tingħata, iżda li tkun mogħtija minn fornitur differenti,

(b) b'kalkolu abbażi tad-disinn jew tal-estrapolazzjoni minn mudell ieħor tal-istess fornitur jew ta' fornitur differenti,

id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi d-dettalji tal-kalkolu, il-valutazzjoni mwettqa mill-forniturі biex tiġi vverifikata l-preċiżjoni tal-kalkolu u, meta xieraq, id-dikjarazzjoni tal-identità bejn il-mudelli ta' forniturі differenti.".

ANNESS VI

"ANNESS VIa

DOKUMENTAZZJONI TEKNIKA B'INFORMAZZJONI DWAR IR-RIPARABBILTÀ

1. Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jaħdmu bl-elettriku, id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (c)(iii), għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

   (a) deskrizzjoni ġenerali tal-mudell biex ikun jista' jiġi identifikat b'mod ċar u faċli;

   (b) referenzi għall-istandards armonizzati applikati jew standards oħrajn tal-kejl użati;

   (c) il-prekawzjonijiet speċifiċi li jridu jittieħdu waqt l-immuntar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni jew l-ittestjar tal-mudell;

   (d) id-dettalji u r-riżultati tal-kalkoli mwettqa f'konformità mal-Anness IV;

   (e) il-kundizzjonijiet tal-ittestjar, meta ma jkunux deskritti biżżejjed fir-referenzi pprovduti skont il-punt (b) ta' din it-taqsima;

   (f) mudelli ekwivalenti, jekk ikunu jeżistu, inkluż l-identifikaturi tal-mudell;

   (g) Il-valuri tal-parametri tekniċi stabbiliti fit-Tabella 6a għall-programm eko, li jitqiesu bħala l-valuri ddikjarati għall-fini tal-proċedura ta' verifika stabbilita fl-Anness IX;

   (h) deskrizzjoni tal-passi taż-żarmar għal kull parti prijoritarja elenkata fit-Taqsima 5 tal-Anness IV, inkluż l-għodod u l-elementi tal-irbit meħtieġa f'kull pass, jekk ikun hemm;

   (i) l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni stipulata fl-Anness II, il-punt 5(3)(e) tar-Regolament (UE) 2023/2533.

L-informazzjoni mogħtija skont il-punti (a) sa (g) għandha tikkostitwixxi l-partijiet speċifiċi obbligatorji tad-dokumentazzjoni teknika li l-fornitur irid jdaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti, skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) 2017/1369.

Tabella 6a

Parametri tekniċi ddikjarati għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jaħdmu bl-elettriku

PARAMETRU	UNITÀ	VALUR
Il-kapaċità nominali fil-programm eko, f'intervalli ta' 0,5 kg (*c*)	kg	X,X
Il-konsum tal-enerġija tal-programm eko b'tagħbija sħiħa (E_{dry})	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum tal-enerġija tal-programm eko b'tagħbija parzjali ($E_{dry,½}$)	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum ponderat tal-enerġija tal-programm eko (E_{tC})	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum standard tal-enerġija tal-programm eko (SE_C)	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
L-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (*EEI*)	—	X,X
Tul tal-programm għall-programm eco b'tagħbija sħiħa (T_{dry})	s:min	X:XX
Tul tal-programm għall-programm eko b'tagħbija parzjali ($T_{dry½}$)	s:min	X:XX
Tul ponderat tal-programm għall-programm eko (T_t)	s:min	X:XX
L-effiċjenza medja tal-kondensazzjoni tal-programm eko b'tagħbija sħiħa (C_{dry}) (jekk applikabbli)	%	XX
L-effiċjenza medja tal-kondensazzjoni tal-programm eko b'tagħbija parzjali ($C_{dry½}$) (jekk applikabbli)	%	XX

PARAMETRU	UNITÀ	VALUR
L-effiċjenza ponderata tal-kondensazzjoni tal-programm eko (C_t) (jekk applikabbli)	%	XX
L-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja waqt il-programm eko	dB(A) rigward 1 pW	X
Il-konsum tal-enerġija fil-modalità mitfi (P_o) (jekk applikabbli)	W	X,XX
Il-konsum tal-enerġija fil-modalità standby (P_{sm}) (jekk applikabbli)	W	X,XX
Il-modalità standby tinkludi l-wiri tal-informazzjoni?	—	Iva/Le
Il-konsum tal-enerġija fil-modalità standby (P_{nsm}) waqt kundizzjoni ta' standby man-network (jekk applikabbli)	W	X,XX
Il-konsum tal-enerġija waqt bidu differit (P_{ds}) (jekk applikabbli)	W	X,XX
Indiċi tar-Riparabbiltà	—	X,XX

2. Għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ li jaħdmu bil-gass, id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punt (c)(iii), għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (f), (h) u (i) ta' dan l-Anness, u l-informazzjoni stabbilita fit-Tabella 6b għall-programm eko. Il-valuri fit-Tabella 6b jitqiesu bħala l-valuri ddikjarati għall-fini tal-proċedura ta' verifika fl-Anness IX.

L-informazzjoni pprovduta skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, ħlief il-punti (h) u (i), għandha tikkostitwixxi l-partijiet speċifiċi obbligatorji tad-dokumentazzjoni teknika li l-fornitur għandu jdaħħal fil-bażi tad-data, skont l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) 2017/1369.

Tabella 6b

Parametri tekniċi ddikjarati għall-magni tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku li jaħdmu bil-gass

PARAMETRU	UNITÀ	VALUR
Il-kapaċità nominali fil-programm eko, f'intervalli ta' 0,5 kg (c)	kg	X,X
Il-konsum tal-gass tal-programm eko b'tagħbija sħiħa (E_{gdry})	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum tal-gass tal-programm eko b'tagħbija parzjali ($E_{gdry,½}$)	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum awżiljarju tal-elettriku tal-programm eko b'tagħbija sħiħa	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum awżiljarju tal-elettriku tal-programm eko b'tagħbija parzjali	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum ponderat tal-enerġija tal-programm eko (E_{tC})	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
Il-konsum standard tal-enerġija tal-programm eko (SE_C)	kWh/ċiklu tat-tnixxif	X,XX
L-Indiċi tal-Effiċjenza Enerġetika (EEI)	—	X,X
Tul tal-programm għall-programm eco b'tagħbija sħiħa (T_{dry})	s:min	X:XX
Tul tal-programm għall-programm eko b'tagħbija parzjali ($T_{dry½}$)	s:min	X:XX

PARAMETRU	UNITÀ	VALUR
Tul ponderat tal-programm għall-programm eko (T_t)	s:min	X:XX
L-emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja waqt il-programm eko	dB(A) rigward 1 pW	X
Il-konsum tal-enerġija fil-modalità mitfi (P_o) (jekk applikabbli)	W	X,XX
Il-konsum tal-enerġija fil-modalità standby (P_{sm}) (jekk applikabbli)	W	X,XX
Il-modalità standby tinkludi l-wiri tal-informazzjoni?	—	Iva/Le
Il-konsum tal-enerġija fil-modalità standby (P_{nsm}) waqt kundizzjoni ta' standby man-network (jekk applikabbli)	W	X,XX
Il-konsum tal-enerġija waqt bidu differit (P_{ds}) (jekk applikabbli)	W	X,XX
Indiċi tar-Riparabbiltà	—	X,XX

3. Meta l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika għal magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ partikolari għall-użu domestiku tkun inkisbet:

   (a) minn mudell bl-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għall-informazzjoni teknika li trid tingħata, iżda li tkun mogħtija minn fornitur differenti,

   (b) b'kalkolu abbażi tad-disinn jew tal-estrapolazzjoni minn mudell ieħor tal-istess fornitur jew ta' fornitur differenti,

   id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi d-dettalji tal-kalkolu, il-valutazzjoni mwettqa mill-forniturі biex tiġi vverifikata l-preċiżjoni tal-kalkolu u, meta xieraq, id-dikjarazzjoni tal-identità bejn il-mudelli ta' forniturі differenti.".

ANNESS VII

L-Annessi VII, VIII, IX u X tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2534 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness VII, il-punti 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Fil-każ tar-riklami viżivi, biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(d)(i), u fl-Artikolu 4(c), il-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta għandhom jintwerew kif stabbilit fil-punt 4 ta' dan l-Anness.

2. Fil-każ tal-materjal tekniku promozzjonali, biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(d)(ii), u fl-Artikolu 4(d), il-klassi tal-effiċjenza enerġetika u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta għandhom jintwerew kif stabbilit fil-punt 4 ta' dan l-Anness.";

(2) l-Anness VIII hu emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-tikketta xierqa magħmula disponibbli mill-forniturifkonformità mal-Artikolu 3(1), il-punti (b)(ii) jew (c)(iv), kif applikabbli, għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tal-iskrin qrib il-prezz tal-prodott, jekk jintwera l-prezz, u fil-każijiet l-oħra kollha, qrib l-isem jew l-istampa tal-prodott. Id-daqs għandu jkun tali li t-tikketta tkun viżibbli u leġibbli b'mod ċar u għandu jkun proporzjonat għad-daqs speċifikat fl-Anness III jew IIIa, kif applikabbli. It-tikketta tista' tintwera bi skrin ġo skrin, u f'dak il-każ, l-immaġni użata biex tiġi aċċessata t-tikketta għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-punt 2 ta' dan l-Anness. Jekk jintuża skrin ġo skrin, it-tikketta għandha tidher mal-ewwel għafsa tal-maws, ċaqliq tal-maws jew tkabbir tal-iskrin tattili fuq l-immaġni.";

(b) il-punt 3(b) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-immaġni għandha tkun marbuta mat-tikketta stabbilita fl-Anness III jew fl-Anness IIIa, kif applikabbli;";

(c) il-punt 4 hu sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-iskeda elettronika tal-informazzjoni dwar il-prodott magħmula disponibbli mill-fornitur f'konformità mal-Artikolu 3(1), il-punti (b)(iii) jew (c)(v), kif applikabbli, għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tal-iskrin qrib il-prezz tal-prodott, jekk jintwera l-prezz, u fil-każijiet l-oħra kollha, qrib l-isem jew l-istampa tal-prodott. Din l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott għandu jkollha daqs biżżejjed biex tkun viżibbli u leġibbli b'mod ċar. L-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott tista' tintwera bi skrin ġo skrin jew b'referenza għall-bażi tad-data tal-prodotti, u f'dan il-każ il-link użat biex tiġi aċċessata l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott għandha tindika b'mod ċar u b'mod leġibbli "Skeda tal-informazzjoni dwar il-prodott". Jekk jintuża skrin ġo skrin, l-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott għandha tidher mal-ewwel għafsa tal-maws, ċaqliqa tal-maws jew tkabbir tal-iskrin tattili fuq il-link.";

(3) l-Anness IX hu emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 hu sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-tolleranzi tal-verifika stabbiliti fit-Tabella 8 għandhom x'jaqsmu biss mal-verifika tal-valuri ddikjarati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u m'għandhomx jintużaw mill-fornitur bħala tolleranza permessa biex jiġu stabbiliti dawn il-valuri fid-dokumentazzjoni teknika jew biex jiġu interpretati dawn il-valuri biex tinkiseb il-konformità jew biex tiġi kkomunikata prestazzjoni aħjar b'xi mezz.";

(b) il-punt 4(b)(iii) hu sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) il-valuri ddeterminati, jiġifieri l-valuri tal-parametri rilevanti, kif imkejlin waqt l-ittestjar, u l-valuri kkalkolati b'dan il-kejl ikunu konformi ma':

(a) il-kriterji tal-validità stabbiliti fit-Tabella 7;

(b) it-tolleranzi tal-verifika rispettivi stabbiliti fit-Tabella 8.";

(c) il-punt 6 hu sostitwit b'dan li ġej:

"6. Meta r-riżultat imsemmi fil-punt 4(b)(iii) ma jinkisibx, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu tliet unitajiet addizzjonali tal-istess mudell biex jiġu ttestjati. Inkella, it-tliet unitajiet addizzjonali magħżula jistgħu jkunu ta' mudell ekwivalenti wieħed jew aktar. Fir-rigward tal-indiċi tar-riparabbiltà, jekk ir-riżultat imsemmi fil-punt 4(b)(iii) ma jinkisibx, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu unità addizzjonali waħda tal-istess mudell biex tiġi ttestjata.";

(d) il-punti 8 u 9 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"8. Il-mudell għandu jitqies konformi mar-rekwiżiti applikabbli meta għat-tliet unitajiet imsemmija fil-punt 6, il-medja aritmetika tal-valuri ddeterminati tkun konformi mat-tolleranzi tal-verifika rispettivi stabbiliti fit-Tabella 8, ħlief għar-riżultat tal-indiċi tar-riparabbiltà, fejn il-mudell għandu jitqies konformi mar-rekwiżiti applikabbli meta għall-unità addizzjonali msemmija fil-punt 6, il-valur iddeterminat ikun konformi mat-tolleranza rispettiva stabbilita fit-Tabella 8.

9. Meta ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 8, il-mudell u l-mudelli ekwivalenti kollha għandhom jitqiesu li mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament, ħlief għar-riżultat tal-indiċi tar-riparabbiltà, fejn il-mudell għandu jitqies li mhux konformi ma' dan ir-Regolament.";

(e) il-punt 12 hu sostitwit b'dan li ġej:

"12. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw biss il-kriterji tal-validità stabbiliti fit-Tabella 7 u t-tolleranzi tal-verifika stabbiliti fit-Tabella 8, u għandhom jużaw biss il-proċedura stabbilita fil-punti minn 1 sa 9 għar-rekwiżiti msemmija f'dan l-Anness. Għall-parametri stabbiliti fit-Tabelli 7 u 8, m'għandu jiġi applikat l-ebda kriterju tal-validità ieħor jew l-ebda tolleranza tal-verifika ohra, bħal dawk stabbiliti fi standards armonizzati jew f'xi metodu ieħor tal-kejl.";

(f) It-Tabella 7 hi sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella 7

Kriterji tal-validità

Parametru	Kriterji tal-validità
Il-kontenut medju tal-indewwa finali tal-programm eko μ_t	Il-valur iddeterminat għandu jitkejjel u jiġi kkalkolat, u jkun inqas minn 1,5 %."

(g) tiżdied it-Tabella 8 li ġejja:

"Tabella 8

Tolleranzi tal-verifika

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
E_{dry} u $E_{dry½}$	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat ta' E_{dry} u $E_{dry½}$ b'aktar minn 6 %.
Eg_{dry} u $Eg_{dry½}$	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat ta' Eg_{dry} u $Eg_{dry½}$ b'aktar minn 6 %.
$Eg_{dry,a}$ u $Eg_{dry½,a}$	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat ta' $Eg_{dry,a}$ u $Eg_{dry½,a}$ b'aktar minn 6 %.
C_t	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux ikun inqas mill-valur iddikjarat ta' C_t b'aktar minn 6 %.
T_{dry} u $T_{dry½}$	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat ta' T_{dry} u $T_{dry½}$ b'aktar minn 6 %.
P_o	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat b'aktar minn 0,10 W.

Parametru	Tolleranzi tal-verifika
P_{sm}	Il-valu iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat b'aktar minn 10 % jekk il-valur iddikjarat ikun iżjed minn 1,00 W, jew b'aktar minn 0,10 W jekk il-valur iddikjarat ikun daqs jew inqas minn 1,00 W.
P_{ds}	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat b'aktar minn 10 % meta l-valur iddikjarat ikun iżjed minn 1,00 W, jew b'aktar minn 0,10 W jekk il-valur iddikjarat ikun daqs jew inqas minn 1,00 W.
Emissjoni tal-istorbju akustiku fl-arja	Il-valur iddeterminat (*) m'għandux jaqbeż il-valur iddikjarat b'aktar minn 2 dB fir-rigward ta' 1 pW.
Indiċi tar-riparabbiltà	Il-valur iddeterminat m'għandux ikun inqas mill-valur iddikjarat b'aktar minn 4 %.

(*) Meta jiġu ttestjati tliet unitajiet addizzjonali f'konformità mal-punt 6, il-valur iddeterminat ifisser il-medja aritmetika tal-valuri ddeterminati għal dawk it-tliet unitajiet addizzjonali."

(4) l-Anness X hu emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel paragrafu, il-kliem introduttorju hu sostitwit b'dan li ġej:

"Skont il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu stabbiliti fl-Anness IV, kull tanbur ta' magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku b'aktar minn tanbur wieħed għandu jiġi fornut b'tikketta konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi II u III jew IIIa, kif applikabbli. Dawk ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għal kull wieħed mit-tnabar b'mod indipendenti, ħlief meta t-tnabar ikunu inkorporati fl-istess qafas u jkunu jistgħu, fil-programm eko, joperaw biss f'daqqa. Fil-każ tal-aħħar, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-magna tat-tnixxif tal-ħwejjeġ għall-użu domestiku b'aktar minn tanbur wieħed kollha kemm hi, kif ġej:";

(b) it-tieni paragrafu hu sostitwit b'dan li ġej:

"L-iskeda tal-informazzjoni dwar il-prodott għandha tinkludi u tippreżenta b'mod konġunt l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness V jew l-Anness Va, kif applikabbli, għat-tnabar kollha li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi u tippreżenta b'mod konġunt l-informazzjoni meħtieġa skont l-Anness VI jew l-Anness VIa, kif applikabbli, għat-tnabar kollha li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.".